## Esperjenza pjaċevoli waqt il-ħin tal-ikel għandha tissodisfa l-istandards ta’ Kwalità fil-Kura tal-Anzjani

**Standard 1:
Dinjità u għażla għall-konsumatur**

*"Jien trattat b’dinjità u rispett, u nista’nżomm l-identità tiegħi. Nista’ nagħmel għażliet infurmati dwar il-kura u s-servizzi tiegħi, u li ngħix il-ħajja li nagħżel jien."*

**Standard 2:
Evalwazzjonijiet u ppjanar kontinwi mal-konsumatur**

*"Jiena sieħeb f’evalwazzjoni u ppjanar kontinwu li jgħinni biex nieħu l-kura u s-servizzi li għandi bżonn għas-saħħa u l-benesseri tiegħi."*

**Standard 4:
Servizz u Sapport għall-Ħajja ta’ Kuljum**

*"Nirċievi s-servizzi u s-sapport għall-ħajja ta’ kuljum li huma importanti għas-saħħa u l-benesseri tiegħi u li jagħtuni l-kapaċità li nagħmel l-affarijiet li nixtieq."*

It-tim tal-kura tiegħek għandu jikkonsidra dawn il-fatturi meta qed jippjanaw l-esperjenza tiegħek waqt il-ħin tal-ikel:

- **Li jifhmu dak li tħobb u li ma tħobbx**
  It-tim tal-kura tiegħek għandu jkun jaf fejn u meta tixtieq tiekol, ma’ min tħobb tiekol u kemm tiekol u tixrob, u kif tixtieq li tkun ippreżentata l-ikla tiegħek.
- **Li jiċċekkjaw miegħek għax dak li tħobb u li ma tħobbx jista’ jinbidel**
  Tista’ tibdel fehmtek dwar dak li tħobb jew ma tħobbx f’kull ħin per. eż. forsi jum minnhom tkun trid tiekol fil-kamra tiegħek u f’jum ieħor tkun trid tissoċjalizza ma’ oħrajn fil-kamra tal-ikel.
- **Li jipprovdu għażliet għall-ħin tal-ikel biex jissapportjaw dak li tħobb u ma tħobbx**
  Dan jista’ jinkludi ħinijiet estiżi biex tiekol, biex tkun tista’ tiekol meta hu l-aħjar għalik; ikliet buffet; li isservi lilek innifsek; u li tordna minn menu biex tkun tista’ tagħżel l-ikel u x-xorb inti stess.
- **Li jipprovdu aċċess għal ikel ħafif (snacks) il-ħin kollu**
  Dan ittik l-opportunità li tagħżel meta tiekol.



✓ **Li jitkellmu miegħek waqt il-ħin tal-ikel**
L-impjegati għandhom ikunu disponibbli biex jissapportjawk u biex jipprovdu għajnuna waqt il-ħin tal-ikel jekk għandek bżonnha u jekk titlobha, u li jitkellmu miegħek meta l-ħin jippermetti.

✓ **Li jirrispettaw id-dinjità tiegħek**
Id-dinjità tiegħek għandha dejjem tkun rispettata, irrispettivament minn kif, fejn u meta tiekol.

✓ **Li jirrispettaw il-bżonnijiet kulturali, reliġjużi u djetetiċi tiegħek**
Dan jista' jinkludi ikel u pożati li huma kulturalment xierqa, bħal chopsticks, mgħaref, frieket, u bieqja biex taħsel idejk, u li jipprovdu ħin għal talb jew tradizzjonijiet kulturali waqt il-ħin tal-ikel. Ftakar, li l-preferenzi tiegħek huma importanti u m'għandhomx jiġu injorati.

✓ **Li jipprovdu ikliet u ikel ħafif li jidhru, jinxtammu u għandhom togħma attraenti u li jiġu servuti f'temperatura u dehra addattati.**
Irrispettivament minn meta jew fejn inti tagħżel li tiekol u kemm inti 'l bogħod mill-kċina.





Għandek tħossok komdu li tiddiskuti dak li tħobb, dak li ma tħobbx u l-preferenzi tiegħek, mat-tim tal-kura tiegħek inkluż:

- **Li titlob biex tiekol mal-familja tiegħek**
  Tista' titlob post kwiet biex tiekol mal-familja u l-ħbieb tiegħek, lil hinn mill-kamra tal-ikel. Jekk il-qraba tiegħek ma joqogħdux qrib, tista' titlob lill-impjegati biex jorganizzaw kuntatt magħhom bil-vidjo waqt il-ħin tal-ikel.

- **Li titlob biex tiltaqa' max-chefs u l-koki biex tgħidilhom x'taħseb dwar l-ikel u biex toffri suġġerimenti għal riċetti, ikel u ikel ħafif**
  Ix-chefs, koki u l-impjegati tal-kura jistgħu jieklu miegħek ukoll, jekk il-ħin jippermetti.

- **Li tagħmel suġġerimenti dwar l-esperjenza tiegħek waqt il-ħin tal-ikel**
  Dan jista' jinkludi x'taħseb dwar il-menu jew kif jidhru l-kamra u l-mejda tal-ikel.

- **Li tħossok kunfidenti li tista' tipprovdi kummenti lill-impjegati jew lill-fornitur tal-kura tal-anzjani tiegħek dwar l-ikel u l-esperjenza tiegħek waqt il-ħin tal-ikel u li l-kummenti ser ikunu rispettati u milqugħin**
  Għandek tkun tista' tipprovdi kummenti mingħajr ma tkun ikkunsidrat bħala persuna diffiċli jew mingħajr ma tesperjenza konsegwenzi negattivi.

## Xi impjegati forsi ma' jkunux familjari mal-bżonnijiet tiegħek u ma dak li tħobb jew li ma tħobbx.

Għarrafhom bil-preferenzi u l-bżonnijiet tiegħek fl-ikel inkluż xi tħobb tiekol u kemm tiekol, kemm il-darba tixtieq tiekol u x'għajnuna tixtieq.

Tista' timla 'Formola ta' preferenzi tal-ikel' f'www.agedcarequality.gov.au/resources/food-and-dining-preferences-fact-sheet u itlob biex din tkun fil-kamra tiegħek.

